MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 538/2005

**Sylvia Manduca (ID267428M) u John Manduca (ID530327M)**
**vs**
**Bradley Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-26 ta' Jannar, 2005 fi Triq President Anton Buttigieg, Zejtun meta b'negligenza habat fil-karozza SYL-064 proprjeta` tal-attrici u kkaguna d-danni. L-atturi jitolbu li l-konvenut ihallas id-danni u jhallas l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 11 ta' Frar, 2005 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Marzu, 2005, fejn intqal :**

**i. Preliminarjament in-nullita` ta' l-azzjoni attrici stante illi dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza rationae valoris sabiex jisma' u jiddeciedi kawzi li jinvolvu incident awtomobilistiku u fejn il-valur tad-danni jkun ta' izjed minn hames mitt lira (Lm500), u kwindi l-atturi ma jistghux semplicement jiddikjaraw illi l-ammont in dizamina huwa ta' « inqas minn Lm1500 » ;**
**ii. Inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort tal-attrici Sylvia Manduca, u minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni allegatament sofferti minnhom skond il-Ligi ;**
**iv. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.**
**Ra l-affidavits tal-attrici u tal-attur. Semgha lill-attrici in kontro-ezami, u lill-konvenut.**

**Ra l-verbal tal-4 ta' Ottubru, 2005, li fih il-partijiet qablu li d-danni subiti mill-atturi fl-incident jammontaw komplessivament ghal erba' mija u tmenin lira Maltija u dstax-il centezmu (Lm480.19)**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-ewwel eccezzjoni sollevata tidher li giet sorvolata bil-verbal tal-4 ta' Ottubru, 2005, hawn fuq riferit.**
**2. Dwar il-mertu, il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-26 ta' Jannar, 2005, fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, bejn il-vettura SYL-064 misjuqa mill-attrici, u l-vettura IBG-761 misjuqa mil-konvenut.**

**3. L-attrici tghid li hi kienet ser tidhol fi Triq Marsaxlokk, issuq bil-mod, bl-*indicator* mixghul, u meta bdiet iddur fuq ix-xellug, il-konvenut dahal fiha minn wara. Lill-konvenut ma ratux qabel il-habta. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem. L-attrici tichad dak li hemm imnizzel fir-*road accident report* fis-sens li hi qalet li mxiet lejn il-lemin qabel ma kisret lejn ix-xellug. Anzi hi tghid li fl-ebda hin ma kisret lejn il-lemin. Parti minn dan l-attrici tindika li l-warden ma indikax l-*brake marks* tal-vettura tal-konvenut, liema *brake marks* jidhru fir-ritratti.**

**4. John Manduca, ir-ragel tal-attrici jikkonferma li l-attrici fl-ebda waqt, qabel ma bdiet iddur, ma resqet lejn il-lemin.**

**5. Id-Dok E huwa ritratt li juri kemm kienu twal il-brake marks tal-konvenut, indikazzjoni cara illi dana kien qed isuq b'tali mod illi ma setghax jieqaf fil-hin meta l-attrici kienet naqset fil-velocita' biex tikser kif qalet.**

**6. Ma jirrizultax dak li qed jallega l-konvenut, li l-attrici kissret lejn il-lemin pero' huwa evidenti li l-attrici kienet qed tikser lejn ix-xellug, tant illi d-daqqa fuq il-vettura taghha hija proprju fil-kantuniera tax-xellug. Dana ma kienx ikun il-kaz li kieku hi kienet qed tikser lejn il-lemin.**

**7. It-Tribunal jinnota illi kif ritenut mill-Qorti f'kazijiet simili fejn ghandek zewg vetturi mexjin wara xulxin, il-vettura li qieghda tipprecedi ma ghandha ebda obbligu li tara xi traffiku kien gej minn warajha, in kwantu l-vettura tkun miexja fid-dritt u ghalhekk l-obbligu taghha hu li tara biss dak li hemm quddiemha. Dana naturalment salv illi minn qed jimmanuvra biex jikser ghandu jaghmel is-sanjalazzjoni opputuna, haga li fil-fatt l-attrici ghamlet. Kif jinghad:**

**"Where a car is travelling in a straight course turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front is on the proper side of the road.**

**The front car has a superior right; his look-out is ahead, and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road…" (Trial of Motor Car Accident Cases.. Para.83).**

**8. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju illi t-tort ghall-incident huwa kompletament tal-konvenut, mhux biss minhabba l-fatt illi kien qed isuq b'velocita' illi ma setghax iwaqqaf fil-hin ghat-traffiku li kien hemm quddiemu, izda wkoll minhabba l-fatt li ma kienx attent ghall-manuvra li kienet qed taghmel il-vettura ta' quddiemu.**

**9. Bhala danni dawna m'humiex kontestati, kif jirrizulta mill-verbal ta' l-4 ta' Ottubru, 2005, fejn gie dikjarat li l-partijiet jaqblu illi d-danni subiti mill-atturi jammontaw komplessivament ghall-erba' mija u tmenin lira u dsatax-il centezmu (Lm480.19), u dana kif jirrizulta a fol 9 u 10 tal-process kif ukoll id-Dok MS 1.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmenin lira u dsatax-il centezmu (Lm480.19). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-9 ta' Marzu, 2005.**

**L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 11 ta' Frar, 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------